Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 382/2016

Il-Pulizja

Spettur Colin Sheldon

Vs

Jason Agius

Illum 27 ta' April, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat Jason Agius detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru  283672 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli ghan-nom u in rappresentanza ta' Queen' s Pastizzeria Enterprises Ltd ( C 58643 ) u / jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa skond l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ( Att Numru XXIII ta' l-1998 ) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fit-12 ta' Ottubru, 2015 gewwa Queen' s Pastizzeria li jinsab fi Triq il-Kappillan Mifsud - Hamrun, irrizulta li jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom

tieghu, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju, li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax - il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilu imhallas u dan bi ksur tal- partiti 1,2,3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru, XIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-6 ta' Lulju, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77 (a) (e), u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal multa ta' tmien mitt Euro (€800).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jason Agius, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Lulju, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara l-imputat Jason Agius mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih w kwindi tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti mis-segwenti w cioe:

a. Illi l-ewwel u qabel koltox l-imputat qed jishaq fuq l-innocenza tieghu.

b. Illi allacjat mas-suespost, l-imputat ma jistax jifhem kif l-ewwel qorti tiddikjara li: "Ai termini ta' l-artikolu 82 tal-Kapitolu 406 huwa l-imputat li jrid jipprova li huwa mhux biss ma kienx jaf dwar dan in-

nuqqas imma li b' diligenza ordinarja lanqas ma seta' jkun jaf" illi l-provi juru li l-imputat lanqas biss ma kien prezenti meta sar in-negozju! Illi fl-istess sentenza, l-Ewwel Qorti ammettiet hi stess li: "L-imputat ma kienx prezenti waqt l-ispezzjoni…" liema sitwazzjoni teskolpa ghal kollox l-imputat. Illi allura fiI-kriminal l-imputat ma jistax jirrispondi ghal haga meta mhux biss ma kienx prezenti imma sar jaf biha meta waslet it-tahrika! Illi f' dan ir-rigward, kif seta', l-imputat jigi mitlub jirrispondi meta l-impjegat agixxa fl-assenza tieghu! Illi di piu, kif seta' l-imputat jirrispondi meta hu kien xehed li ta' struzzjonijiet lill-impjegati tieghu biex johorgu ricevuta fiskali, kif titlob il-ligi, imbaghad ghalkemm l-Ewwel Qorti tammetti: "Illi ma kienx l-imputat li ghamel il-provvisti li ghalihom ma nhargitx rcevuta, imma Erik Mffsud l-impjegat tieghu mera konvenjenza legali, jigi dikjarat li: "Ai termini ta' l-Artikolu 82 tal-Kapitolu 406 huwa l-imputat li jrid jipprova li huwa mhux biss ma kienx jaf dwar dan in-nuqqas imma b' diligenza ordinarja lanqas ma seta' jkun jaf." Illi altru l-imputat wera diilgenza ordinarja, imma la ma kienx fuq il-lant tax-xoghol meta saru l-'provvisti' ma jistax imbaghad jkun jaf. Illi biex tikkwota il-ligi imbaghad jirrizulta li fil-fatt l-imputat kien ghal kollox konformi mal-ligi w l-ewwel Qorti taghzel li ma kienx minnu w, bil-provi, hu ghal kollox inaccettabbli w agir drakonjana! Illi kien l-impjegat li naqas serjament u grazzi ghall-agir tieghu fejn l-imputat ma kellu ebda kontroll, hu qed ikollu jirrispondi! Illi di piu, jekk wiehed jaqra is-sentenza, anki l-Ewwel Qorti irrikonoxxiet li l-imputat ma kienx prezenti meta sar il-bejgh liema haga giet ammessa sija mill-ispettur kif ukoll minn Erik Mifsud li kien mexxa l-bejgh!

c. Illi hu rilevanti li jigi indikat li Erik Mffsud hu x-xhud tal-prosekuzzjoni. Illi dan xehed favur l-imputat fejn l-imputat ma kienx prezenti meta sar il-bejgh biex b' hekk l-imputat kien fizikament impossibbli ghalih biex jikkontrolla l-agir tieghu. Illi l-istess l-ewwe Qorti irrikonoxxiet din ir-realta! Illi allacjat mas-suespost, l-istess xhud tal-prosekuzzjoni xehed li hu kien hareg ricevuta fiskali w meta

gie avvicinat mill-ispettur hu rega' hareg ricevuta fiskali. Illi allura wiehed isaqsi fejn hu in-nuqqas? Illi hu rilevanti li jigi indikat li l-pozizzjoni tal-Ispettur ma kienx korroborat mill-Ispettur l-iehor biex b' hekk hem konflitt bejn dak li xehed Erik Mifsud u dan tal-Ispettur. Illi hawn, l-Ewwel Qorti naqset li tapplika l-principju baziku li hemm konflitt, dan imur favur l-imputat, li wara kollox, lanqas ma kien prezenti!

d. Illi irrizulta certa rigidita mill-Ewwel Qortili kwazi kull imputat ikun ghat-tela' f' dawn it-tip ta' kawzi quddiema tant li kwazi kollha jekk mhux kollha jehlu. Illi immagina bil-pressjoni tax-xoghol f' stabbiliment maghruf bhala l-Queens, li jkollu hafna nies li jixtru dak il-hin stess u l-eccitament tal-impjegat f' dik is-sitwazzjoni, l-Ewwel Qorti qed timmagina certa kalmezza li tista' tezisti fit-teorija imma fil-prattika mhux necessarjament ikun hemm, imbaghad tghid li: "... hija inverosimili u difficilment tista' temmen li Mifsud fl-asserzjoni li kien ghadu kif hareg zewg rcevuti u minflok ma informa lill-ispetturi li kien harighom u qabad u tahom dawk l-ircevuti li kien diga ippancja rega' hareg zewg ricevuti ohra." Illi dan ma kienx il-kaz. Illi jidher li l-Ewwel Qorti, bi zvista, halliet l-aspett meta sar konfront bejn Erik Mifsud u l-Ispettur Alex Buttigieg, l-istess spettur wera incertezza li hu stess kien iddikjara li ma kienx cert! Allura jekk dan kien il-kaz, l-Ewwel Qorti stess naqset li tapplika il-principju tant baziku ta' in dubbio pro reo kontra l-imputat, li hu dritt sagrostant fil-kamp penali.

e. Illi kulhadd jista' jiehu zball imma jekk jirrizulta tant incertezza mix-xhieda tal-ispettur u li x-xhud tal-prosekuzzjoni xehed b' certa konvinciment f' konfront mal-Ispettur li wera' incertezza w dan kollu l-Ewwel Qorti ghazlet li taghti sentenza negattiva, allura wiehed isaqsi li potenzjalment ma kienx hemm harsien lejn id-drittijiet tal-imputat liema haga ghandha tigi indirizzata.

f. Illi bl-ebda mod is-suespost m' ghandu jigi kunsidrat bhal ezawrjenti w l-imputat qed jirrizerva d-dritt li iqajjem punti ohra rilevanti fl-appell.

Semghet ix-xhieda

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx dubju f' dan il-kaz illi l-persuna irregistrata ai fini ta' taxxa fuq il-valur mizjud ghal-hanut Queen's Pastizzeria gewwa l-Hamrun huwa l-appellanti Jason Agius.Dan mhux kontestat. Jirrizulta izda illi fil-jum indikat fl-akkuza, l-appellanti ma kienx prezenti fin-negozju gestit minnu u halla t-tmexxija tieghu f'idejn terza persuna u cioe' l-impjegat tieghu Eric Mifsud. Illi mill-ispezzjoni maghmula mill-ispetturi Alex Buttigieg u Marthese Axiaq gie osservat illi f'zewg okkazzjonijiet meta sar bejgh dan Mifsud ma harigx ricevuta fiskali lill-klijent u dan wara li ghaddielu l-bqija. Dawn iz-zewg ricevuti inharrgu biss fuq insistenza ta'l-ispetturi u huma esebieti in atti. L-appellanti ma kien jaf b'xejn dwar dan l-akkadut u jidher li baqa' injar ta' dak kollu li kien sehh sa meta huwa imbaghad irceva it-tahrika tal-Qorti meta imbaghad staqsa lill-impjegat u dan fl-ahhar ftakar b'dak li kien sehh. Dan jindika illi hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-appellanti bhala sid dan in-negozju u l-impjegat tieghu tant illi ghadda z-zmien u dan l-impjegat nesa ghal kollox milli jinforma lill-principal tieghu bl-akkadut. Fix-xhieda tieghu dan Mifsud izda jishaq illi l-appellanti kien tah istruzzjonijiet biex johrog r-ricevuti fiskali u li fil-fatt huwa hekk kien ghamel. Izda meta quddiem l-Ewwel Qorti huwa jixhed u ighid illi r-ricevuti kien harighom izda l-klijenti ma kenux haduhom, meta jiddeponi issa fi stadju ta' revizjoni ghalkemm jerga' jishaq illi l-ircevuti harighom izda issa ighid li l-klijenti haduhom u telqu minn fuq il-post. Huwa stramb ghalhekk kif dan Mifsud meta avvicinat mill-ispetturi ma ighidilhomx b'dan il-fatt izda meta ikellmuh huwa jaghmel dak li ordnawlu u hareg ir-ricevuti ghal bejgh li kien ghadu kemm sar. Di piu' l-ispettur Buttigieg jishaq illi hu u l-kollega tieghu kienu ilhom ghal xi ftit tal-hin josservaw dak li kien qed jigri fejn ghal xi erba okkazzjonijiet ricevuti ma inghatawx, izda huma avvicinaw lil Mifsud fir-rigward ta'l-ahhar zewg transazzjonijiet li saru. Fuq kollox Mifsud stess fil-kors tax-xhieda tieghu jikkontendi illi l-klijenti gieli lanqas jaghtuh cans johrog ir-ricevuta fiskali ghaliex ihallsu u jitilqu mal-ewwel minn fuq il-post.

L-impunjattiva imressqa mill-appellanti ghad-decizjoni appellata allura hija essenzjalment illi fil-kaz tieghu kellu japplika l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 82 tal-Kap. 406. Dana s-subartikolu jipprovdi hekk:

*Meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir minn impjegat fit-twettieq ta' l-impieg tieghu, jew minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' dik il-persuna registrata, sew jekk dik il-persuna l-ohra tkun impjegata sew jekk ma tkunx, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dak l-impjegat jew persuna ohra innfisha kif ukoll mill-principal taghhom jew persuna registrata:* ***izda dak il-principal jew persuna registrata ma jkunx hati ta' reat taht dan is-subartikolu jekk igib prova li ma kienx jaf u li ma setax b'diligenza ragonevoli jkun jaf b'dak lghemil jew nuqqas u li huwa ghamel kull ma seta' jaghmel sabiex izomm milli jsir dak l-ghemil jew nuqqas****.* (enfazi tal-Qorti).

L-appellanti minn naha tieghu ghalhekk jishaq illi huwa dejjem ta struzzjonijiet lill-impjegat tieghu sabiex johrog ricevuta fiskali u gjaldarba il-ligi ma tirrikjediex il-presenza kontinwa tieghu fil-post tan-negozju, u gjaldarba huwa kien ghadda struzzjonijiet cari lill-impjegat tieghu dwar kif kellu jigi amministrat in-negozju, inkluz alluar il-hrug tar-ricevuti fiskali, ma kellux jahti ghal dan in-nuqqas ta'l-impjegat tieghu, li minn naha tieghu lanqas indenja ruhu javzah b'dak li kien sehh. Illi l-insistenza tieghu dwar il-hrug tar-ricevuti taghmilha possibbli ghalih li jkollu kontroll fuq il-bejgh li qed isir mill-hanut meta ma jkunx prezenti.

Illi ghalkemm l-appellanti jikkonferma illi huwa ma kienx prezenti dak in-nhar meta sehh dan il-kaz, madanakollu ma iressaqx l-icken prova biex jindika jekk huwa jaghmilx spezzjonijiet fuq il-post tan-negozju tieghu, jekk dan isir kemm spiss u kif jaghmel biex izomm kontroll fuq l-impjegati tieghu. Tant ma jersaqx lejn il-hanut illi l-impjegat sahansitra nesa ighidlu b'dak li kien sehh. Jidher ghalhekk illi kienet prassi tal-appellanti illi ihalli il-gestjoni tan-negozju tieghu f'idejn terza persuna li hu impjegat tieghu. Kien ghalhekk illi l-Ewwel Qorti allura dehrilha illi l-appellanti kellu juza diligenza akbar fil-gestjoni tan-negozju tieghu u mhux ihalli f'idejn terzi minghajr ebda kont ta' dak li kien qed jigri fl-assenza tieghu tant illi lanqas biss gie infurmat minn dan l-impjegat, li skont dak li jistqarr hu stess kien jaghtih tant struzzjonijiet cari, illi kien ser jiffaccja akkuza kriminali minhabba nuqqas ta' hrug ta' ricevuta. Kellu ikun biss meta irceva t-tahrika mill-Qorti illi irrealizza dak li kien sehh. Dan certament jirrifletti agir traskurat u ta' nuqqas ta' kont u diligenza li trid il-ligi, ghaliex fid-dawl tal-fatt illi huwa ma jkunx prezenti fil-post tan-negozju proprjeta tieghu, allura

kien fid-dmir illi juza attenzjoni akbar sabiex jivverifika dak li kien qed jigri fl-assenza tieghu.

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Emmanuel Scerri" [30.3.2000] "*meta xi haga ssir jew tonqos milli ssir ...minn persuna li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata,, ghandu jitqies bhallikieku dik il-haga tkun saret jew naqset milli ssir sew minn dik il-persuna l-ohra kif ukoll mill-persuna registrata . Il-persuna registrata, pero', tista tezimi ruha minn din ir-responsabilta' vikarja JEKK TIPPROVA , IMQAR FUQ BAZI TA' PROBABILTA' (emfasi ta' din il-Qorti) jew (a) li ma kienetx taf u li ma setghetx b'diligenza ragonevoli tkun taf b'dak l-eghmil jew nuqqas jew (b) li tkun ghamlet kull ma setghet taghmel biex izzomm milli jsir dak l-eghmil jew nuqqas"* . Mela l-persuna registrata trid tkun hi li tipprova dawn ic-cirkostanzi w dana almenu fuq bazi ta' probabbilita' - li hu l-kriterju tal-grad tal-prova impost fuq l-akkuzat fil-kamp penali , fejn hu tenut li jipprova xi haga . Izda ma hux bizzejjed biex wiehed jezimi ruhhu mir-responsabbilta` vikarja taht l-Artikolu 82(2) li semplicement jghid li hu ta struzzjonijiet lill-impjegati tieghu.(Il-pulizija vs Vincent Mifsud; App. Krim- deciza 06/06/2003).

Affermati dawn il-principji gurisprudenzjali u fattwali l-Qorti tistqarr illi ma tinsabx konvinta illi l-appellanti irnexxielu jilhaq il-grad ta' prova rikjesta minnu. Dan ghaliex l-affermazzjoni tieghu li ghadda l-istruzzjonijiet mehtiega lill-impjegat tieghu mhijiex sufficjenti, meta jidher illi huwa lanqas ma kien jaghmel verifiki dwar dak li kien ikun qed isehh fl-assenza tieghu, li *ex admissis* tidher li ghalih hija n-norma. Certament allura illi l-appellanti ma irnexxielux jipprova illi huwa bhala persuna irregistrata ai finijiet tat-taxxa fuq il-valur mizjud, ezegwixxa b'diligenza l-oneri kollha fiskali imposti fuqu bil-ligi tant illi ghalhekk jista' jezimi ruhu mir-responsabbilta vikarja li l-ligi tixhet fuq spallejh f'dan il-kaz fejn in-nuqqas ikun gie kommess minn terza persuna.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur